MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2010

Numru. 278/2007

**Il-Pulizija
Spettur Anthony Portelli
Spettur Alfred Mallia**

**vs**

**Michael Micallef**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Michael Micallef ta' 50 sena, bin Carmel u Carmen nee' Vassallo, imwieled Zabbar nhar is-27 ta' Marzu 1957 u residenti no. 31 'Narsis', Triq il-Bumunqar, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 275757(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar is-27 ta' Gunju 2005 f' xi hin bejn is-12.45pm u s-1.45pm waqt li kien Haz-Zabbar, ikkommetta serq ta' Lm200 fi flus kontanti mill-fond bl-isem 'Felice Pharmacy'

li huwa sitwat fi Triq is-Santwarju, Zabbar, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi Lm100 izda li ma jeccedix Lm1000 u dan sar ghad-detriment ta' Alan John Sammut u/jew persuni ohra;

Fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-Lm50 izda inqas minn Lm500, u dan ghad-dannu Alan John Sammut u/jew persuni ohra;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta' ta' haddiehor, u cioe' il-propjeta' ta' Joseph Felice minn M'Skala u/jew persuni ohra;

Rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta Awla C) datata 22 ta' April 1976, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta' April 2007 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2007 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serqa li saret minn Felice Pharmacy li tinsab fi Triq is-Santwarju, Haz-Zabbar u li saret fis-27 ta' Gunju 2005 f'xi hin bejn 12.45pm u

1.45pm. Mill-provi, u senjatament mix-xhieda tal-propjetarju tal-ispizerija in kwistjoni l-Ispizjar Alan Sammut (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 10 sa 12 tal-atti processwali) kif ukoll mix-xhieda ta’ PS 1428 Jesmond Delia (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 30 et sequitur tal-atti processwali) jirrizulta li fl-imsemmija data ghall-habta tas-1.50pm dahlet telefonata kompjuterizzata fl-Ghassa ta’ Haz-Zabbar fejn il-Pulizija giet infurmata li kienet qed issir serqa mill-fond imsemmi. Minn investigazzjonijiet li ghamlu l-Pulizija fuq il-post irrizulta li fil-fatt ix-shutter tal-bieb tal-ispizerija kien ghadu intatt izda l-Pulizija setghat tinnota li l-bieb tal-fond agjacenti mal-ispizerija, liema fond ma kienx abitat seta’ jinfetah b’imbuttatura zghira. Il-Pulizija sabet ukoll sellun mal-hajt tal-appogg tal-ispizerija u kien hemm ukoll frame ta’ tieqa maqlugh u mitfugh mal-art. Meta sid l-ispizerija wasal fuq il-post u l-Pulizja setghat taccedi gewwa l-ispizerija instab il-kexxun tal-cash register miftuh u instabu neqsin Lm200 f’kontanti. Giet innutata wkoll toqba fis-suffitt u minn din it-toqba seta’ jigi osservat li kienet inqalghet tieqa liema tieqa kienet taghti ghall-fond agjacenti. Ma wahda mill-vireg li jzommu s-suffitt gie misjub ukol tracci ta’ demm frisk. Il-Pulizija inoltre inghatat informazzjoni minghand xi hadd joqghod fl-imsemmija triq li huwa kien ra vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAC 674 tal-marka Renault u ta’ lewn blu titlaq sparata minn fuq il-post. Meta l-Pulizija indagat dwar min kien il-propjetarju tal-imsemmija vettura rrizulta li dan kien l-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk huwa gie arrestat sabiex jigi investigat dwar din is-serqa izda huwa dejjem innega l-involviment tieghu fis-serqa. Malli huwa gie arrestat il-Pulizija li arrestah innota li l-imputat kellu ferita f’idu x-xellugija minn fejn kien ghadu hiereg id-demm izda l-imputat qal lil Pulizija li huwa kien laqat idejh waqt li kin qed jaghmel xi xoghol fil-vettura tieghu. PS 1428 xehed ukoll li l-vettura tal-imputat li kienet parkeggjata quddiem ir-residenza tal-imputat kellha l-bonnet ghadu shun u ghalhekk din kienet ghadha kemm intuzat.

Ikkunsidrat;

Illi dwar din is-serqa saret Inkjesta Magisterjali (process verbal relattiv inserit a fol. 16 tal-process) fejn inhatru diversi esperti sabiex jassistu lil Magistrat Inkwirenti. In-nomina ta' dawn l-esperti giet ikkonfermata minn din il-Qorti permezz ta' digriet tal-21 ta' Gunju 2007. F'din l-inkjesta gew nominati PS 964 Robert Scicluna u PC 1261 Charles Pace bhala Scene of the Crime Officers bl-inkarigu li jelevaw evidienza forensika minn fuq ix-xena tad-delitt u jippreservaw tali evidenza forensika. Gie nominat ukoll Dr. Mario Scerri sabiex jiehu kampjun tad-demm minn fuq ix-xena tad-delitt u gie nominat is-serologista Robert Cardona sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn id-demm li nstab fuq ix-xena tad-delitt u d-demm tal-imputat. Gie nnominat ukoll l-espert Chris Farrugia sabiex jaghmel analizi tad-DNA. Minn ezami tar-rapport tal-espert Robert Cardona jirrizulta li saru l-analizi w osservazzjonijiet fuq l-esebiti 05 CBU 301 u 05 CBU 302, liema esebiti gew mghoddija lil espert mis-Scene of the Crime Officer PC 1261 Charles Pace. Illi saru analizi fuq il-kampjuni tad-demm ta' Michael Micallef detentur tal-karta tal-identita' numru 275757M liema kampjun gie mghoddi lil espert minn Doctor Mario Scerri. Illi mill-analizi fuq l-esebit 05 CBU 301 inghata rizultat pozittiv ghal prezenza ta' demm ta' nisel uman. Analizi aktar dettaljata ghal grupp ta' demm fuq il-kampjuni li ttiehdu minn fuq l-istess esebit, taw rizultat ta' demm Grupp A. Illi mill-analizi fuq l-esebit 05 CBU 302 inghata rizultat posittiva ghal prezenza ta' salivary amylase li hu component ewlieni tal-bzieq f' dik l-parti li tmiss ma fejn hemm l-halq. Analizi aktar dettaljata ghal grupp ta' demm mill-bzieq fuq kampjuni li ttiehdu minn fuq l-istess esebit, taw rizultat inkonklussiv. Illi mill-analizi fuq il-kampjun tad-demm ta' Michael Micallef detentur tal-karta tal-identita' numru 275757M inghata rizultat ta' A Rhesus Positive.

Minn ezami tar-rapport tal-espert Christopher Farrugia jirrizulta li mill-analizi li saru fuq l-kampjuni li ghandhom il-kodici tal-laboratorju 05 CBU 301 u l-kampjun orali mehud minn fuq Michael Micallef detentur tal-karta tal-identita' numru 275757M, irrizulta li l-profil genetiku jaqbel. **Infatti l-probabbilita li jinstab ragel iehor fl-istess popolazzjoni kwazi li ghandu l-istess profil genetiku**

**<u>bhal ma hemm fil-plastic hija wahda f’5.1X 10 [18] li hija estremament rari.</u>**

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz gie nominat ukoll Dr. Steven Farrugia Sacco (rapport relattiv inserit a fol. 53 tal-process bl-inkarigu li johrog l-istills tal-kontenut tat-tape tas-CCTV camera li kien hemm installata f’Felice Pharmacy dakinhar tas-serqa mill-liema stills jista’ jigi nnutat persuna liebes balaclava qed jiftah il-cash register u jiehu l-flus liema persuna kellu ferita f’idu x-xellugija.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami bir-reqqa tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jirrizulta minghajr ombra ta’ dubju li l-imputat kien il-persuna li fis-27 ta’ Gunju 2005 wettaq is-serqa mill-fond Felice Pharmacy. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet u cioe’ primarjament ghaliex kien hemm positive match tad-DNA bejn id-demm tal-imputat u dak li nstab fuq ix-xena tad-delitt izda anki ghaliex mill-provi rrizulta li meta l-imputat gie arrestat ftit tal-hin biss wara li saret is-serqa gie nnutat li huwa kellu ferita f’idu x-xellugija mill-liema ferita kien ghadu hiereg id-demm u inoltre mill-istills mehuda mic-CCTV camera installata f’Felice Pharmacy jidher car li il-persuna li wettqet is-serqa kellha ferita f’idha x-xellugija. Mill-provi rrizulta wkoll li il-vettura li intlemhet titlaq minn fuq il-post ftit tal-hin qabel ma dahal ir-rapport dwar is-serqa kienet fil-fatt tappartjeni lill-imputat. In vista ta’ dawn il-provi skjaccanti l-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-imputat kien il-persuna li wettaq is-serqa in dizamina u l-persuna li ghamel il-hsarat indikati fit-tieni akkuza. Dwar it-tieni akkuza izda l-Qorti taqbel ma dak sottomess mill-Prosekuzzjoni fis-sens illi il-hsara kagunata kienet mezz ghal fini tal-ewwel akkuza u li ghalhekk ghandu jigi applikat l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fir-rigward.

In kwantu jirrigwarda it-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza fis-sens illi din l-akkuza li hija ta’ natura kontravenzjonali hija

preskritta stante li l-imputat gie notifikat bl-akkuzi odjerni wara id-9 ta April 2007.

In kwantu jirrigwarda r-raba’ akkuza fejn l-imputat qed jigi akkuzat li rrenda ruhu recidiv ai terrmini tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta b’sentenza tat-22 ta’ April 1976 din l-akkuza ma tirrizultax pruvata stante li f’dawn l-atti ma gietx esebita is-sentenza relattiva u l-anqas saret id-debita prova tal-identita’.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja u inoltre gie kkunsidrat ukoll li kien hemm nuqqas ta’ koperazzjoni assoluta mill-imputat fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-Qorti ghalhekk jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 20, 31, 261, 263, 267, 278(2) u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat Michael Micallef hati tal-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax(12)-il xahar prigunerija b’effett milum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba’(4) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza u wara li rat l-Artikoli 340(d) u 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara it-tielet(3) akkuza bhala preskritta u konsegwentement estinta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------